IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.12.2016
COM(2016) 826 final

2016/0414 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u għanijiet tal-proposta**

L-attakki terroristiċi riċenti fl-Unjoni Ewropea u lil hinn jenfasizzaw il-ħtieġa li l-UE taħdem fil-politiki kollha għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-organizzazzjonijiet terroristiċi u l-kriminalità organizzata għandhom bżonn il-finanzjament - biex iżommu n-netwerks kriminali tagħhom, jirreklutaw membri ġodda u jwettqu atti terroristiċi. It-twaqqif tas-sorsi ta' finanzjament tagħhom, li wieħed jagħmilha aktar diffiċli li t-terroristi ma jinkixfux meta jużaw dawn il-fondi, u l-isfruttar tal-informazzjoni rilevanti kollha li tirriżulta mit-tranżazzjonijiet finanzjarji lkoll jikkontribwixxu b'mod kruċjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

L-isfida tal-finanzjament tat-terroriżmu mhijiex waħda ġdida. L-Unjoni Ewropea diġà għandha għodda fis-seħħ biex tindirizzaha, fosthom il-liġi kriminali eżistenti, il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-proċessi ta' skambju ta' informazzjoni rilevanti kif ukoll leġiżlazzjoni li qed tissaħħaħ kostantement dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontrih.

Madankollu, in-natura tal-finanzjament tat-terroriżmu qed tevolvi maż-żmien, u l-UE teħtieġ azzjonijiet determinati, rapidi u komprensivi biex timmodernizza l-liġi eżistenti, tiżgura li tiġi implimentata bis-sħiħ mill-atturi rilevanti kollha, u tindirizza n-nuqqasijiet identifikati. L-Unjoni teħtieġ ukoll kooperazzjoni ikbar bejn l-awtoritajiet kompetenti, fil-fruntieri u mal-aġenziji rilevanti tal-UE biex jitjieb it-tixrid tal-informazzjoni u jinstabu dawk li jiffinanzjaw it-terroriżmu.

Din il-proposta għal Direttiva, li tħabbret fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu tat-2 ta' Frar 2016[1] għandha l-għan li tiġġieled il-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali. Id-Direttiva proposta tilħaq dan l-għan billi timplimenta obbligi internazzjonali f'dan il-qasam, fosthom il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2005 dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, is-CETS Nru 198 ("il-Konvenzjoni ta' Varsavja"), kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force, FATF).

L-istrumenti eżistenti fil-livell tal-UE (u b'mod partikolari d-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI[2]) huma limitati fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u ma jiżgurawx kriminalizzazzjoni komprensiva tar-reati ta' ħasil tal-flus. L-Istati Membri kollha jikkriminalizzaw il-ħasil tal-flus iżda hemm differenzi sinifikanti fid-definizzjonijiet rispettivi ta' dak li jikkostitwixxi ħasil tal-flus, liema huma r-reati predikati - jiġifieri l-attività kriminali sottostanti li ġġenerat il-proprjetà maħsula - kif ukoll il-livell tas-sanzjonijiet. Il-qafas leġiżlattiv attwali la huwa komprensiv u lanqas ma huwa biżżejjed koerenti biex ikun kompletament effikaċi. Id-differenzi fl-oqfsa legali jistgħu jintużaw mill-kriminali u t-terroristi, li jistgħu jagħżlu li jwettqu t-tranżazzjonijiet finanzjarji tagħhom fejn jaħsbu li l-miżuri kontra l-ħasil tal-flus huma l-aktar dgħajfa.

[1] COM(2016) 50 final, it-2 ta' Frar 2016.

[2] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 05.07.2001).

B'mod aktar sinifikattiv, fil-livell operazzjonali, id-differenzi fid-definizzjonijiet, fil-kamp ta' applikazzjoni u fis-sanzjonijiet ta' reati tal-ħasil tal-flus jaffettwaw il-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-pulizija u fil-livell ġudizzjarju, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni. Pereżempju, differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-reati predikati jagħmluha diffiċli biex l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fi Stat Membru jikkoordinaw ma' ġurisdizzjonijiet oħrajn tal-UE biex jindirizzaw il-ħasil tal-flus transfruntier (pereżempju ħasil tal-flus relatat ma' reati fiskali). Bħala parti mill-konsultazzjoni li saret fit-tħejjija ta' din il-proposta, il-prattikanti - inklużi aġenziji bħall-Europol u l-Eurojust - irrapportaw li d-differenzi fil-kriminalizzazzjoni ta' dan ir-reat fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri joħolqu ostakli għall-kooperazzjoni bejn il-pulizija u biex ikun hemm investigazzjonijiet transfruntieri effikaċi.

L-attivitajiet tal-kriminali u tal-organizzazzjonijiet kriminali huma maħsuba biex jiġġeneraw profitt. Essenzjalment, il-ħasil tal-flus jagħmel użu mill-qligħ iġġenerat minn diversi attivitajiet illegali transfruntiera - pereżempju traffikar tad-droga, traffikar tal-persuni, traffikar illeċitu ta' armi, korruzzjoni - biex jakkwista, jikkonverti jew jittrasferixxi proprjetà, filwaqt li jaħbi n-natura vera tal-oriġini tiegħu, u b'hekk juża d-dħul minn dawk ir-reati fl-ekonomija legali. Il-ħasil tal-flus jippermetti lill-organizzazzjonijiet kriminali jibbenefikaw mill-attivitajiet illegali tagħhom u jmantnu l-operat tagħhom. Risposta kriminali msaħħa għall-ħasil tal-flus tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-inċentiv finanzjarju li huwa l-mutur tal-kriminalità.

Skont l-istimi tan-Nazzjonijiet Uniti, fil-livell globali l-ammont tar-rikavat mill-kriminalità fl-2009 kien madwar USD 2,1 triljun, jew 3,6 % tal-PDG globali[3]. L-ammont ta' rikavat mill-attività kriminali fis-swieq illeċiti ewlenin fl-Unjoni Ewropea li hemm evidenza disponibbli dwarhom, ġie stmat għal EUR 110 biljun[4]. L-ammont ta' flus li attwalment qed jiġi rkuprat fl-UE huwa biss proporzjon żgħir tar-rikavat kriminali stmat[5].

Individwi u gruppi involuti f'atti terroristiċi jużaw netwerks kriminali jew jinvolvu rwieħhom fil-kriminalità huma stess biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom, imbagħad jużaw skemi tal-ħasil tal-flus biex jikkonvertu jew jaħbu n-natura illeċita tal-operazzjonijiet tagħhom jew jakkwistaw fondi biex jiffinanzjawhom. Dan iwassal biex il-kriminalità organizzata ssir ħafna aktar attraenti. Ħafna miċ-ċelloli terroristiċi li joperaw fl-Ewropa jiġbru l-fondi minn sorsi kriminali bħat-traffikar tad-drogi, it-traffikar ta' beni kulturali jew applikazzjonijiet għal self qarrieqa. Organizzazzjonijiet terroristiċi kbar jirrikorru wkoll għal attivitajiet kriminali f'forom differenti biex jiffinanzjaw l-attivitajiet terroristiċi. Barra minn hekk, it-terroristi jistgħu japprofittaw mill-organizzazzjonijiet kriminali biex jissupplixxu l-ħtiġijiet loġistiċi tagħhom, billi jakkwistaw dokumenti foloz jew armi tan-nar mingħand dawn il-gruppi kriminali, li min-naħa tagħhom ikunu jistgħu jaħslu l-flus minn dawn l-operazzjonijiet. Għalhekk, qafas legali tal-UE msaħħaħ jikkontribwixxi biex il-finanzjament tat-terroriżmu jiġi indirizzat b'mod aktar effikaċi u titnaqqas it-theddida minn organizzazzjonijiet terroristiċi billi tixxejjen il-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom.

L-introduzzjoni ta' regoli minimi li jiddefinixxu r-reat kriminali tal-ħasil tal-flus, l-applikazzjoni ta' din id-definizzjoni għal reati terroristiċi u attivitajiet kriminali serji oħra, u l-

[3] Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità, “Stima tal-flussi finanzjarji illeċiti li jirriżultaw mit-traffikar tad-drogi u minn kriminalità organizzata transnazzjonali oħra (Estimating illicit financial flows resulting from drug trafficking and other transnational organised crime)”, Ottubru 2011.

[4] From illegal markets to legitimate businesses: the portfolio of organised crime in Europe, Rapport Finali tal-Proġett OCP – Organised Crime Portfolio, Marzu 2015.

[5] Rapport “Il-kriminalità għadha trendi? L-irkupru tal-assi kriminali fl-UE.” (Does crime still pay? Criminal asset recovery in the EU.) Survey of statistical information 2010-2014, Europol, Lulju 2016.

approssimazzjoni tas-sanzjonijiet involuti se jsaħħu l-qafas kriminali eżistenti tal-UE kontra l-ħasil tal-flus fl-Ewropa. Id-Direttiva proposta se ttejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera eżistenti u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, u tgħin biex il-kriminali jiġu mxekkla milli jisfruttaw id-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali għall-vantaġġ tagħhom. Dawn il-miżuri se jipprovdu għal qafas legali msaħħaħ biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus fl-UE, itejbu l-infurzar u jaġixxu bħala deterrent ikbar għall-attività terroristika u kriminali. Għaldaqstant, se jindirizzaw il-kriminalità organizzata u l-finanzjament tat-terroriżmu b'mod aktar effikaċi, u b'dan il-mod itejbu s-sigurtà interna tal-UE u s-sikurezza taċ-ċittadini tagħha.

- **Il-bżonn li jiġu implimentati standards u obbligi internazzjonali rilevanti u li jiġi indirizzat il-ħasil tal-flus b'mod effikaċi**

Din il-proposta għandha l-għan li timplimenta r-rekwiżiti internazzjonali li joriġinaw mill-Konvenzjoni ta' Varsavja kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus.

Ir-Rakkomandazzjoni 3 tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF[6]) tappella lill-pajjiżi biex jikkriminalizzaw il-ħasil tal-flus abbażi tal-Konvenzjoni tan-NU Kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi (il-Konvenzjoni ta' Vjenna) tal-1988 u l-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Palermo) tal-2001. Ir-rakkomandazzjoni titlob lill-pajjiżi biex jikkriminalizzaw il-ħasil tar-rikavat mir-reati serji kollha, bil-ħsieb li tiġi inkluża l-firxa l-aktar wiesgħa ta' reati predikati (billi tingħata lista tal-kategoriji tar-reati predikati bħat-terroriżmu, inkluż il-finanzjament tat-terroriżmu, it-traffikar tal-persuni u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, it-traffikar illeċitu ta' armi, ir-reati ambjentali, il-frodi, il-korruzzjoni jew ir-reati fiskali), filwaqt li titħalla fid-diskrezzjoni tal-pajjiżi kif għandhom jiksbu dan. Ir-Rakkomandazzjoni tippermetti li l-pajjiżi ma japplikawx ir-reat ta' ħasil tal-flus għall-persuna li tkun wettqet ir-reat predikat, u tirrikjedi li l-pajjiżi jiżguraw sanzjonijiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-persuni fiżiċi, responsabbiltà kriminali (jew ċivili jew amministrattiva) u sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi. Ir-Rakkomandazzjoni tappella wkoll għall-kriminalizzazzjoni ta' attivitajiet ančillari bħalma huma sehem f'reat, assoċjazzjoni ma' oħrajn jew konfoffa biex jitwettaq reat, tentattiv, għajnuna u kompliċità, faċilitazzjoni, u konsulenza, sakemm dan ma jiġix permess mill-prinċipji fundamentali tad-dritt nazzjonali.

Il-Konvenzjoni ta' Varsavja tikkostitwixxi l-konvenzjoni internazzjonali l-aktar komprensiva dwar il-ħasil tal-flus (u tinkludi dispożizzjonijiet relatati mal-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus iżda anki dispożizzjonijiet dwar l-iffriżar tal-assi u l-konfiska kif ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali). Il-Konvenzjoni ta' Varsavja tirrikjedi lill-partijiet jadottaw miżuri leġiżlattivi biex jiffaċilitaw il-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus kif ukoll l-iffriżar u l-konfiska effettivi tar-rikavat u tal-mezzi strumentali tar-reati. F'diversi aspetti, din il-konvenzjoni tmur lil hinn mir-rekwiżit tar-Rakkomandazzjoni tal-FATF, billi tagħmilha irrilevanti jekk ir-reat predikat kienx suġġett għall-ġurisdizzjoni kriminali tal-pajjiż fejn seħħ ir-reat tal-ħasil tal-flus, tippermetti lill-pajjiżi japplikaw livell aktar baxx ta' intenzjoni u tirrikjedi lill-pajjiżi biex jiżguraw li kundanna preċedenti jew simultanja għar-reat predikat u l-istabbiliment preċiż tar-reat predikat ma jkunux prerekwiżit għal kundanna ta' ħasil tal-flus.

[6] Il-FATF hija l-aktar mezz internazzjonali importanti biex jiġu stabbiliti l-istandards għall-AML/CFT. Il-Kummissjoni Ewropea u 15-il Stat Membru huma Membri tal-FATF u t-13-il membru l-ieħor huma membri tal-MONEYVAL, l-entità reġjonali fl-istil tal-FATF li twettaq eżerċizzji ta' awtoevalwazzjoni u evalwazzjoni reċiproka tal-miżuri fis-seħħ tal-AML/CFT fl-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-Konvenzjoni ta' Varsavja ġiet iffirmata minn 26 Stat Membru tal-UE, li minnhom 17 biss irratifikawha sa issa. L-UE ffirmat iżda għadha ma rratifikatx. Il-proposta għal Direttiva attwali hija pass importanti lejn ir-ratifika tal-Konvenzjoni ta' Varsavja mill-UE.

Din il-proposta għandha l-għan li timplimenta r-rekwiżiti internazzjonali msemmija hawn fuq. F'ċerti oqsma, hija tmur lil hinn minn dawn ir-rekwiżiti: hija tistabbilixxi l-livell minimu tas-sanzjonijiet massimi u tikkriminalizza l-awtoriċiklaġġ - jiġifieri każijiet li fihom il-persuna li taħsel proprjetà miksuba minn attività kriminali tkun ukoll il-persuna li wettqet ir-reat predikat sottostanti, għalkemm l-awtoriċiklaġġ huwa limitat għall-konverżjoni jew it-trasferiment u l-ħabi jew it-travestiment. Minbarra l-kategoriji ġenerali ta' reat kif ipprovduti fil-lista ta' reati predikati stabbilita mill-FATF u l-Konvenzjoni ta' Varsavja, il-lista pprovduta f'din il-proposta tinkludi ċ-ċiberkriminalità u r-reati li għalihom ikun hemm leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE li tiddefinixxi r-reati predikati, billi tagħmel referenza għall-atti leġiżlattivi rilevanti tal-UE.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija integrata fil-ġlieda globali kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu billi timplimenta r-Rakkomandazzjoni 3 tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), il-korp intergovernattiv li jiddefinixxi u jippromwovi l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali f'dan il-qasam, u billi timplimenta l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti. Hija wkoll parti minn sforzi usa' fil-livell tal-UE biex jiġu miġġielda l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu billi tissaħħaħ l-azzjoni ripressiva kontra l-organizzazzjonijiet kriminali u l-finanzjaturi tat-terroriżmu.

L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà adottata f'April 2015[7] appellat għal miżuri addizzjonali fil-qasam tal-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus. Filwaqt li ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li "l-għan primarju tal-kriminalità organizzata huwa l-profitt", l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà appellat għal tisħiħ tal-kapaċità tal-infurzar tal-liġi biex jiġi indirizzat il-finanzjament tal-kriminalità organizzata, u enfasizzat li n-"netwerks kriminali internazzjonali jużaw strutturi legali tan-negozju biex jaħbu s-sors tal-profitti tagħhom, u għalhekk hija meħtieġa azzjoni biex jiġu indirizzati l-infiltrazzjoni tal-ekonomija leċita mill-kriminalità organizzata". L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà kellha wkoll l-għan li tindirizza r-rabta bejn it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, billi enfasizzat li l-kriminalità organizzata tissupplixxi t-terroriżmu permezz ta' kanali bħal dawk tal-provvista tal-armamenti, il-finanzjament permezz tat-traffikar tad-drogi, u l-infiltrazzjoni tas-swieq finanzjarji.

Fit-2 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni ppreżentat Pjan ta' Azzjoni biex tkompli ssaħħaħ il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Waħda mill-azzjonijiet ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni kienet li tikkonsidra l-possibbiltà ta' proposta għal Direttiva biex jiġu introdotti regoli minimi dwar id-definizzjoni tar-reat kriminali tal-ħasil tal-flus (tiġi applikata għal reati terroristiċi u reati kriminali serji oħra) u biex jiġu approssimati s-sanzjonijiet. Ir-raġuni mogħtija kienet li t-terroristi ħafna drabi jirrikorru għar-rikavat kriminali biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom u jużaw skemi tal-ħasil tal-flus meta jagħmlu dan. Għaldaqstant, il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus tikkontribwixxi biex jiġi indirizzat il-finanzjament tat-terroriżmu.

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u segwitu għar-riżoluzzjoni CRIM (2015/2110(INI))[8] irrimarkat ukoll li l-parteċipazzjoni f'attivitajiet kriminali tista' tkun marbuta ma' reati terroristiċi u appellat għat-

---

7 COM(2015) 185 final tat-28 ta' April 2015.

8 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu (2013/2107(INI)).

tisħiħ tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus biex il-ġlieda kontra t-terroriżmu tkun effikaċi.

Din il-proposta se ssaħħaħ ukoll il-miżuri fis-seħħ li għandhom l-għan li jikxfu, ixekklu u jipprevjenu l-abbuż tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, b'mod partikolari r-Raba' Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus[9] (4th Anti-Money Laundering Directive, 4AMLD), li tistabbilixxi r-regoli maħsuba biex jipprevjenu l-abbuż tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u r-Regolament dwar it-Trasferimenti ta' Fondi[10]. Id-data tat-traspożizzjoni għar-4AMLD u r-Regolament (UE)2015/847 ġiet antiċipata għall-1 ta' Jannar 2017. Ġew ippreżentati numru ta' emendi tar-4AMLD fil-5 ta' Lulju 2016[11] bl-għan li jissaħħaħ il-qafas preventiv kontra l-ħasil tal-flus, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati r-riskji emerġenti u tiżdied il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti li jaċċessaw u jiskambjaw l-informazzjoni.

Dawn l-istrumenti legali jgħinu fil-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u jiffaċilitaw l-investigazzjonijiet dwar każijiet ta' ħasil tal-flus. Madankollu, ma jindirizzawx il-kwistjoni tal-inizjattiva attwali, li hija n-nuqqas ta' definizzjoni uniformi tar-reat tal-ħasil tal-flus u d-differenzi fit-tip u l-livell ta' sanzjonijiet għal dan ir-reat fl-Unjoni kollha. Wara li l-koleġiżlaturi jadottaw id-direttiva proposta, il-Kummissjoni se tivvaluta jekk huwiex neċessarju li tiġi riveduta r-4AMLD bil-ħsieb li d-definizzjoni ta' "attività kriminali" tiġi allinjata kif rifless f'din id-direttiva.

Barra minn hekk, din il-proposta ssaħħaħ u tikkomplimenta l-qafas tal-liġi kriminali fir-rigward ta' reati relatati ma' gruppi terroristiċi, b'mod partikolari l-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu[12], li tistabbilixxi definizzjoni komprensiva tar-reat tal-finanzjament tat-terroriżmu, li tkopri mhux biss ir-reati terroristiċi, iżda wkoll ir-reati relatati mat-terroriżmu bħar-reklutaġġ, it-taħriġ u l-propaganda.

Il-proposta attwali ssaħħaħ ukoll il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata billi tikkomplimenta d-Direttiva 2014/42/UE[13] li għandha l-għan li toħloq sett komuni ta' regoli minimi għall-kxif, l-intraċċar u l-konfiska tar-rikavat minn attività kriminali fl-UE u d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI[14] li tikkriminalizza l-parteċipazzjoni fi grupp tal-kriminalità organizzata u r-rikattar organizzat.

Barra minn hekk, il-proposta attwali tikkomplimenta partijiet differenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE li jirrikjedu lill-Istati Membri jikkriminalizzaw xi forom ta' ħasil tal-flus. Hija se tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI[15] fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b'din il-proposta. Id-Deċiżjoni Kwadru għandha l-għan li tqarreb ir-regoli nazzjonali dwar il-konfiska u dwar ċerti forom ta' ħasil tal-flus li l-Istati Membri kienu rikjesti jadottaw skont il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1990 dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali.

---

9 Id-Direttiva 2015/849/UE dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 141, 5.6.2015).

10 Ir-Regolament (UE) 2015/847 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006 (ĠU L 141, 5.6.2015).

11 COM(2016) 450 final tal-5 ta' Lulju 2016.

12 COM(2015) 625 final tat-2 ta' Diċembru 2015.

13 Id-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 127, 29.4.2014).

14 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42).

15 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001, p. 1-2).

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Id-Direttiva proposta hija konformi mal-għanijiet ta' politika segwiti mill-Unjoni, u b'mod partikolari:

– Il-ġlieda kontra reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. It-Tieni Protokoll, imħejji abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, jirrikjedi lill-Istati Membri jikkriminalizzaw il-ħasil tar-rikavat minn reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, bħal frodi u korruzzjoni, kif definit fil-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-protokolli tagħha. F'Lulju 2012[16] il-Kummissjoni pproponiet Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali li għandha tissostitwixxi l-Konvenzjoni u l-protokolli tagħha għall-Istati Membri parteċipanti. Din tintroduċi reati kriminali ġodda li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tipprevedi li jenħtieġ li l-ħasil tar-rikavat minn tali reati jiġi kkriminalizzat. Din il-proposta hija mingħajr preġudizzju għal dawk ir-regoli tal-liġi kriminali dwar il-ħasil tal-flus.

– Il-ġlieda kontra t-traffikar, il-konsum u d-disponibbiltà tad-drogi, kif stabbilita fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2013-20)[17].

– Il-ġlieda kontra attività kriminali bħat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi. Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2016 "Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Organiżmi Selvaġġi"[18], il-Kummissjoni talbet lill-Istati Membri biex jirrevedu l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar il-ħasil tal-flus biex jiżguraw li r-reati marbuta mat-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jkunu jistgħu jiġu ttrattati bħala reati predikati.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 83(1) TFUE, li jidentifika l-ħasil tal-flus bħala wieħed mir-reati b'dimensjoni transfruntiera partikolari. Dan jippermetti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistabbilixxu regoli minimi meħtieġa dwar id-definizzjoni ta' ħasil tal-flus permezz ta' direttivi adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

- **Ġeometrija varjabbli**

Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità attwalment fis-seħħ hija applikabbli għall-Istati Membri kollha.

F'konformità mal-Protokoll numru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, is-sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattati, ir-Renju Unit u l-Irlanda jistgħu jiddeċiedu li jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Huma wkoll għandhom din l-opzjoni wara l-adozzjoni tal-proposta.

Skont il-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li

[16] COM(2012) 363 final tal-11 ta' Ġunju 2012.
[17] L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi (2013-20), (ĠU C 402, 29.12.2012).
[18] COM(2016) 87 final tas-26 ta' Frar 2016.

jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Għalhekk, skont l-arranġamenti attwalment fis-seħħ, id-Danimarka mhux sejra tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta u mhux se tkun marbuta biha.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-kriminali u l-finanzjaturi tat-terroriżmu jistgħu faċilment imexxu l-fondi tagħhom minn fruntiera għal oħra bl-għan li jaħbu l-oriġini illeċita tagħhom. L-organizzazzjonijiet kriminali u n-netwerks terroristiċi joperaw fi Stati Membri differenti. Fl-ekonomija legali Ewropea jsir ħasil mifrux ta' rikavat illeċitu. Evidenza ta' investimenti tal-kriminalità organizzata tinsab fi kważi kull Stat Membru tal-UE[19].

Il-gruppi tal-kriminalità organizzata qegħdin dejjem aktar jaħbu u jerġgħu jinvestu l-assi fi Stati Membri oħrajn li mhumiex dawk fejn ikun twettaq ir-reat li minnu oriġinat il-proprjetà[20]. Dan ifisser li jkun aktar ikkumplikat għall-awtoritajiet kompetenti biex jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera serja u l-kriminalità organizzata fl-UE b'mod globali, u dan jaffettwa l-funzjonament tas-Suq Intern billi jgħawweġ il-kompetizzjoni ma' negozji legali u jdgħajjef il-fiduċja fis-sistema finanzjarja.

Id-dimensjoni transfruntiera tal-ħasil tal-flus hija esperjenzata mill-awtoritajiet pubbliċi u mill-prattikanti li jittrattaw każijiet ta' ħasil tal-flus fix-xogħol tagħhom ta' kuljum: l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (UIF) tal-Istati Membri tal-UE, inkarigati mill-analiżi tat-tranżazzjonijiet suspettati b'rabtiet mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u mit-tixrid tar-riżultati ta' din l-analiżi lill-awtoritajiet kompetenti, jikkollaboraw fuq bażi regolari biex iwettqu l-missjoni tagħhom. Indikazzjoni ta' dan hija n-numru ta' talbiet għal informazzjoni u kooperazzjoni mibgħuta fuq FIU.Net, l-għodda ta' skambju ta' informazzjoni tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja tal-UE: fl-2014 kien hemm 12 076 skambju ta' informazzjoni, numru li żdied għal 17 149 fl-2015[21]. Il-proporzjon ta' Rapporti dwar Tranżazzjonijiet Suspettużi (RTS) li jinvolvu Stati Membri oħra tal-UE jvarja ħafna skont l-Istat Membru. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma għandhomx dejta preċiża, iżda numru kbir ta' Stati Membri stmaw in-numru ta' RTS b'dimensjoni transfruntiera għal bejn 30 % u 50 % tal-RTS imxerrda lill-awtoritajiet kompetenti[22].

Investigazzjonijiet kriminali dwar il-ħasil tal-flus li jinvolvu diversi Stati Membri tal-UE huma frekwenti. Stimi fi Stat Membru jissuġġerixxu li bejn 10 % sa 15 % tal-każijiet għandhom dimensjoni transfruntiera. F'żewġ Stati Membri, l-istess stima hija ta' 20 %, u f'xi żewġ Stati Membri oħra din tilħaq 70 %. Ħames Stati Membri jistmaw li l-proporzjon ta' investigazzjonijiet dwar il-ħasil tal-flus b'element transfruntier ivarja bejn 38 % u 50 %. Stat Membru wieħed indika li madwar 50 % tar-reati kriminali predikati twettqu barra mill-pajjiż[23].

Id-dimensjoni transfruntiera tal-ħasil tal-flus u l-ħtieġa li dan il-fenomenu jiġi indirizzat permezz ta' kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri huma kkonfermati min-numru ta'

19 Mis-swieq illegali għan-negozji legali: il-portafoll tal-kriminalità organizzata fl-Ewropa (*From illegal markets to legitimate businesses: the portfolio of organised crime in Europe*), Rapport Finali tal-Proġett OCP – Organised Crime Portfolio, Marzu 2015.

20 *idem*

21 Sors: Il-Europol.

22 Risposti tal-Istati Membri bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni.

23 *idem*

każijiet irreġistrati mill-Istati Membri u l-Prosekuturi ta' Kollegament fil-Eurojust. Il-Eurojust irreġistra 724 każ ta' ħasil tal-flus bejn l-2012 u Lulju 2015, u żied minn 193 każ fl-2013 għal 286 każ ta' ħasil tal-flus fl-2015. Bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Settembru 2016, il-Eurojust irreġistra 212-il każ. Mill-160 laqgħa ta' koordinazzjoni organizzata mill-Eurojust bejn Jannar u April 2015, wieħed minn kull tmienja (1/8) (12,5 %) kienu relatati mal-ħasil tal-flus, id-doppju tal-perċentwali tal-2014. Il-ħasil tal-flus jirrappreżenta qasam ta' tkabbir kontinwu fix-xogħol każistiku tal-Eurojust.

Jekk ma tittieħed ebda azzjoni fil-livell tal-UE, l-iskala tal-problema tal-ħasil tal-flus x'aktarx tikber b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin. L-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi jibqgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jittrattaw il-każijiet aktar kumplessi tal-ħasil tal-flus, filwaqt li jitħallew opportunitajiet għal dawk li jwettqu r-reati biex possibbilment jagħmlu għażla opportunistika ta' ġurisdizzjonijiet tal-UE li ma jaqbdux, jew jaqbdu b'mod inqas effikaċi u komprensiv, ċerti attivitajiet kriminali fi ħdan il-qafas leġiżlattiv tagħhom kontra l-ħasil tal-flus. Attività kontinwata ta' ħasil tal-flus fl-aħħar mill-aħħar twassal għal spiża ikbar għas-soċjetà minħabba attività kriminali kontinwata u dħul fiskali mitluf, u tista' wkoll tiffaċilita l-finanzjament kontinwat ta' gruppi terroristiċi.

- **Proporzjonalità**

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5(4) TUE, id-Direttiva ġdida proposta hija limitata għal dak li huwa neċessarju u proporzjonat biex jiġu implimentati l-obbligi u l-istandards internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-FATF u l-Konvenzjoni ta' Varsavja. Din tal-aħħar tmur lil hinn mir-Rakkomandazzjoni tal-FATF billi tagħmilha irrilevanti jekk ir-reat predikat kienx suġġett għall-ġurisdizzjoni kriminali tal-pajjiż fejn seħħ ir-reat tal-ħasil tal-flus u tirrikjedi lill-pajjiżi jiżguraw li kundanna preċedenti jew simultanja għar-reat predikat u l-istabbiliment preċiż tar-reat predikat ma jkunux prerekwiżit għal kundanna ta' ħasil tal-flus.

Il-proposta telabora dawn l-obbligi fejn neċessarju, bl-għan li jittejbu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni transfruntieri u li l-kriminali jiġu mxekkla milli jisfruttaw id-differenzi bejn leġiżlazzjonijiet nazzjonali għall-vantaġġ tagħhom (pereżempju billi jiġi kkriminalizzat l-awtoriċiklaġġ - għalkemm limitat għall-konverżjoni jew it-trasferiment u l-ħabi jew it-travestiment - u jiġu imposti livelli limitu għal sanzjonijiet massimi). Il-lista ta' reati predikati stabbilita f'din il-proposta hija bbażata wkoll fuq il-kategoriji ta' reati predikati tar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF u l-appendiċi tal-Konvenzjoni ta' Varsavja, b'żewġ eċċezzjonijiet: din il-proposta tinkludi wkoll iċ-ċiberkriminalità u l-miżapproprijazzjoni bħala reati predikati.

Il-proposta tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati tal-ħasil tal-flus bil-ħsieb li tkopri l-imġiba kollha rilevanti filwaqt li tillimitah għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonali.

- **Għażla tal-istrument**

F'konformità mal-Artikolu 83(1) TFUE, it-twaqqif tar-regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni tar-reati kriminali u s-sanzjonijiet fil-qasam ta' kriminalità serja b'dimensjoni transfruntiera, inkluż il-ħasil tal-flus, jista' jintlaħaq biss permezz ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill adottata f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma saru ebda evalwazzjonijiet *ex post* fir-rigward tad-dispożizzjonijiet eżistenti relatati mal-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus (jiġifieri l-punt (b) tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI).

- **Konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni r-riżultat ta' stħarriġ li sar minn konsulent estern fl-2013 li evalwa, fost l-oħrajn, il-konformità tal-Istati Membri mar-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF, inkluża r-rakkomandazzjoni dwar il-kriminalizzazzjoni tar-reat tal-ħasil tal-flus. Maġġoranza minn fost dawk li wieġbu għall-kwestjonarju onlajn, li sar fl-2013, kienu jaħsbu li definizzjoni tal-ħasil tal-flus għall-UE kollha tkun effettiva biex tindirizza l-aspetti transfruntieri tal-ħasil tal-flus. L-istħarriġ wera wkoll appoġġ globali għall-armonizzazzjoni b'rabta mal-firxa ta' reati predikati u indika li d-differenzi f'dan ir-rigward jagħtu lill-kriminali l-opportunità li jaħslu l-flus f'ġurisdizzjonijiet fejn il-miżuri kontra l-ħasil tal-flus huma maħsuba li huma l-aktar dgħajfa. Dan joħloq problemi prattiċi għall-awtoritajiet kompetenti fil-livell transfruntier. L-istħarriġ irrifletta wkoll appoġġ globali fost il-partijiet interessati għall-armonizzazzjoni tal-kriminalizzazzjoni tal-awtoriċiklaġġ permezz ta' miżura tal-UE.

F'Ottubru 2016, il-Kummissjoni kkonsultat l-Istati Membri dwar id-dispożizzjonijiet eżistenti tagħhom fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus, billi talbet informazzjoni aġġornata abbażi ta' skeda dwar il-pajjiż għal kull Stat Membru. Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni ġew riveduti waqt laqgħa mal-Istati Membri f'Novembru 2016 li fiha ġew diskussi l-approċċi differenti lejn aspetti bħar-reati predikati, ir-rekwiżit ta' kundanna preċedenti jew l-istabbiliment tar-reat predikat, il-kriminalizzazzjoni tal-awtoriċiklaġġ u l-livell ta' sanzjonijiet.

Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll rappreżentanti ta' assoċjazzjonijiet legali f'Novembru 2016 biex titlobhom il-fehmiet tagħhom dwar il-qafas tal-Kummissjoni għal Direttiva proposta kif ippreżentata fil-pjan direzzjonali. B'mod globali, il-partijiet interessati saħqu dwar il-ħtieġa ta' armonizzazzjoni tar-reati tal-ħasil tal-flus u sanzjonijiet biex jiġi indirizzat il-ħasil tal-flus fl-UE b'mod komprensiv u effikaċi. Il-partijiet interessati indikaw każijiet frekwenti fejn id-definizzjonijiet varji jxekklu l-kooperazzjoni transfruntiera effikaċi fil-prosekuzzjoni tar-reati ta' ħasil tal-flus. L-eliminazzjoni ta' differenzi sinifikanti fid-definizzjonijiet rispettivi tar-reat tal-ħasil tal-flus tippermetti skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni transfruntiera aħjar bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. L-allinjament tal-livell ta' sanzjonijiet imposti għal reati ta' ħasil tal-flus jipprovdu wkoll għal infurzar u deterrent aktar effikaċi fl-UE kollha.

Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll l-Aġenziji tal-UE inkarigati mill-appoġġ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-livell tal-pulizija u d'dak ġudizzjarju.

Dejta oħra bħar-rapport aġġornat tal-Eurostat dwar il-ħasil tal-flus kif ukoll is-sejbiet tal-proġett ECOLEF[24] ittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll. Il-Kummissjoni bbażat ruħha wkoll fuq

[24] Unger, B (a.o.), Rapport finali tal-proġett ECOLEF (The Economic and Legal Effectiveness of Anti Money Laundering and Combating Terrorist Financing Policy), "The economic and legal effectiveness of Anti-Money Laundering and Combatting Terrorist Financing policy", Frar 2013.

rapporti rilevanti oħra ta' dawn l-organizzazzjonijiet, bħar-rapport riċenti tat-tipoloġiji dwar il-ħasil tar-rikavat minn attività kriminali maħruġ mill-Moneyval tal-2015[25].

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Peress li l-proposta għal Direttiva prinċipalment tinkorpora standards u obbligi internazzjonali, din il-proposta hija eċċezzjonalment ippreżentata mingħajr valutazzjoni tal-impatt.

Madankollu, din il-proposta tissejjes fuq l-evidenza miġbura minn studji u valutazzjonijiet esterni deskritti fis-sezzjoni ta' qabel u d-diversi konsultazzjonijiet tal-partijiet interessati.

Ġew ikkunsidrati diversi approċċi li jużaw l-evidenza disponibbli:

1) Azzjoni mhux leġiżlattiva fil-livell tal-UE jew fil-livell nazzjonali, inklużi linji gwida, skambju tal-aħjar prattiki, taħriġ u l-iżvilupp ta' tabelli ta' korrispondenza għar-reati predikati;

2) Limitazzjoni tal-proposta għar-rakkomandazzjonijiet tal-FATF, billi d-definizzjoni tal-UE ta' ħasil tal-flus titfassal fuq l-istandards internazzjonali filwaqt li l-Istati Membri jibqa' jkollhom marġini wiesgħa ta' diskrezzjoni f'oqsma oħra;

3.1) Proposta li tittrasponi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Varsavja; billi tnaqqas ir-rekwiżiti relatati mal-prova ta' reat predikat sottostanti r-reat ta' ħasil ta' flus;

3.2) Proposta li tittrasponi d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Varsavja iżda li tmur lil hinn mill-obbligi internazzjonali f'ċerti aspetti, biex tinkludi definizzjoni tar-reati predikati, filwaqt li tikkriminalizza l-awtoriċiklaġġ u timponi livelli limitu minimi u/jew massimi għas-sanzjonijiet;

4) Proposta li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet u l-elementi varji tar-reat ta' ħasil tal-flus (inklużi d-definizzjonijiet ta' konverżjoni/trasferiment ta' proprjetà, ħabi, akkwist, pussess u użu ta' rikavat minn attività kriminali), filwaqt li timponi approċċ lejn ir-reati kollha u tikkriminalizza l-ħasil tal-flus negliġenti.

Abbażi tal-evidenza miġbura u l-valutazzjonijiet preċedenti deskritti hawn fuq, il-Kummissjoni għażlet approċċ li jipproponi armonizzazzjoni minima f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Varsavja, li jmur lil hinn mill-obbligi internazzjonali unikament f'dawk l-oqsma fejn l-azzjoni wriet benefiċċji dimostrabbli f'termini ta' kooperazzjoni transfruntiera filwaqt li jiġu rispettati t-tradizzjonijiet u l-każistika nazzjonali u tiġi żgurata l-konsistenza mal-liġi tal-UE, jiġifieri billi jiġi żgurat li r-reati kollha kif definiti fl-atti leġiżlattivi tal-UE jikkwalifikaw bħala reati predikati għall-ħasil tal-flus.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta għandha l-għan li tintroduċi obbligi u standards internazzjonali fl-ordinament ġuridiku tal-UE u taġġorna l-qafas legali biex b’hekk jirrispondi b’mod adegwat għall-fenomenu transfruntier tal-ħasil tal-flus. Dan se jgħin lill-Istati Membri meta jittrasponu u jimplimentaw id-dispożizzjonijiet rilevanti.

25 Rapport tat-tipoloġiji dwar il-ħasil tar-rikavat minn attività kriminali (*Typologies report on laundering the proceeds of organised crime*), Moneyval, April 2015.

- **Drittijiet fundamentali**

It-twaqqif, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-kriminalizzazzjoni jridu jitwettqu b'ħarsien sħiħ tal-obbligi tad-drittijiet fundamentali. Kull limitazzjoni fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali u l-libertajiet hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, jiġifieri li tkun soġġetta għall-prinċipju ta' proporzjonalità b'ħarsien tal-mira leġittima li jintlaħqu b'mod ġenwin l-għanijiet ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn, li jiġu pprovduti mil-liġi u li jħarsu l-essenzjal ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet.

F'dan ir-rigward iridu jitqiesu diversi drittijiet fundamentali u libertajiet stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Drittijiet li huma partikolarment rilevanti b'rabta mal-miżuri proposti jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, id-drittijiet inklużi fit-Titolu I tal-Karta dwar il-libertà u s-sigurtà (l-Artikolu 6 tal-Karta), id-dritt għall-proprjetà (l-Artikolu 17 tal-Karta), id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (l-Artikolu 47 tal-Karta), il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għad-difiża (l-Artikolu 48 tal-Karta), il-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieni (l-Artikolu 49 tal-Karta) u d-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata piena darbtejn għall-istess reat (*ne bis in idem*, l-Artikolu 50 tal-Karta).

Il-miżuri kollha adottati mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha b'rabta mal-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus kif ipprovdut f'din id-Direttiva, u d-determinazzjoni tas-sanzjonijiet kriminali u mhux kriminali tagħhom, iridu jkunu soġġetti għall-prinċipju ta' legalità u proporzjonalità tar-reati kriminali u l-pieni, għall-preżunzjoni ta' innoċenza u għad-dritt ta' difiża, u jridu jeskludu kull forma jew arbitrarjetà.

Il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali b'mod ġenerali u l-prinċipju ta' proporzjonalità jitħares billi l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati jiġi limitat għal dak li hu strettament neċessarju biex tkun tista' ssir prosekuzzjoni effettiva tal-atti li joħolqu theddida partikolari għas-sigurtà interna tal-UE.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni baġitarja immedjata għall-Unjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-implimentazzjoni tad-Direttiva se tkun issorveljata mill-Kummissjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar il-miżuri meħuda biex iddaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex tintlaħaq konformità mad-Direttiva.

Il-Kummissjoni, sentejn wara l-iskadenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jevalwa sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

L-ebda dokument dwar it-traspożizzjoni mhuwa kkunsidrat meħtieġ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1: Suġġett u kamp ta' applikazzjoni. – Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-abbozz ta' Direttiva, b'mod partikolari li tistabbilixxi regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni tar-reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tar-reati tal-ħasil tal-flus.

Artikolu 2: Definizzjonijiet. – Din id-dispożizzjoni tipprovdi definizzjonijiet għal "proprjetà" (fir-rigward tar-reati tal-ħasil tal-flus ara l-Artikolu 3) f'konformità mal-acquis tal-UE[26] u "persuni ġuridiċi" (fir-rigward tal-obbligu li tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi ara l-Artikolu 6).

Filwaqt li tippermetti lill-Istati Membri jżommu approċċi differenti fir-rigward tar-reati predikati għall-ħasil tal-flus (bl-għażla bejn approċċ lejn ir-reati kollha, lista ta' reati predikati, lista ta' reati b'piena minima), din id-dispożizzjoni tipprovdi definizzjonijiet tat-terminu "attività kriminali" li huwa dak li r-reati predikati għall-ħasil tal-flus jikkostitwixxu. Il-firxa ta' attivitajiet kriminali li jiġġeneraw il-proprjetà maħsula, kif elenkati f'din id-dispożizzjoni, hija konformi mar-Rakkomandazzjoni 3 tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja li tirrikjedi, irrispettivament mill-approċċ adottat biex jiġu deskritti r-reati predikati, l-inklużjoni ta' reati minn lista ta' kategoriji ta' reati speċifikati. Il-lista f'din id-dispożizzjoni hija wkoll konformi mal-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2005 dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu (is-CETS Nru 198) ("il-Konvenzjoni ta' Varsavja"), li jirrikjedi lill-partijiet fil-Konvenzjoni japplikaw ir-reat ta' ħasil tal-flus għall-kategoriji ta' reati predikati fl-appendiċi tal-Konvenzjoni. Il-kategoriji speċifikati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u l-kategoriji fl-appendiċi tal-Konvenzjoni jikkorrispondu mal-firxa ta' reati kriminali elenkati fl-Artikolu 2 ta' din il-proposta, b'eċċezzjoni waħda: dan l-artikolu jinkludi wkoll iċ-ċiberkriminalità bħala reat predikat, kif spjegat hawn taħt.

Madankollu, dawn il-kategoriji huma sempliċement elenkati u mhumiex definiti mill-FATF jew fil-Konvenzjoni tal-2005, u b'hekk jitħalla kamp ta' applikazzjoni wiesa' għad-differenzi nazzjonali fil-firxa ta' reati predikati. F'xi Stati Membri, dan iwassal għal kamp ta' applikazzjoni limitat tar-reati predikati inklużi fid-dispożizzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, ma hemmx fehim komprensiv komuni bejn l-Istati Membri dwar l-attivitajiet kriminali sottostanti li jiġġeneraw il-proprjetà maħsula.

Skont il-konsultazzjoni mal-Europol, fehmiet differenti fuq liema reati jistgħu jwasslu għal ħasil tal-flus jagħmluha diffiċli li jiġu evitati tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mal-ħasil tal-flus u li titmexxa prosekuzzjoni dwar ħasil tal-flus transfruntier biex jiġi identifikat jekk kienx hemm ħasil tal-flus. Fuq l-istess linja, bħala parti mill-proċess ta' konsultazzjoni, il-Eurojust irrefera għad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri fil-kuntest tal-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' ħasil tal-flus transfruntier minħabba n-natura anċillari ta' dan it-tip ta' reat. Partijiet interessati oħra indikaw ukoll li d-differenzi b'rabta mar-reati predikati jwasslu għal ostakli fil-kooperazzjoni transfruntiera. Peress li l-Istati Membri, meta jintalbu jikkooperaw f'investigazzjonijiet jew prosekuzzjonijiet relatati mal-ħasil tal-flus ħafna drabi jirrikjedu li r-reat predikat sottostanti jkun ukoll reat predikat fil-ġurisdizzjoni tagħhom, jekk

[26] Identiku għall-Artikolu 2(3) tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 85).

dan ikun seħħ fl-Istat Membru tagħhom, il-kooperazzjoni mhux dejjem hija possibbli, u l-kriminali jirnexxilhom jaħslu r-rikavat kriminali tagħhom b'suċċess.

Kull fejn hemm leġiżlazzjoni eżistenti fl-acquis tal-UE li tiddefinixxi kwalunkwe reat predikat, hija inkluża referenza għall-att leġiżlattiv rilevanti tal-UE biex jiġi żgurat li r-reati kollha kif definiti f'dak l-att leġiżlattiv tal-UE jikkwalifikaw għal ħasil tal-flus. Dan se jikkontribwixxi biex jitnaqqsu d-diskrepanzi eżistenti u jitrawwem fehim komuni aktar estensiv.

Barra minn hekk, hemm bżonn tiġi indirizzata t-theddida li qed tikber taċ-ċiberkriminalità u l-attakki fuq sistemi informatiċi, b'mod partikolari attakki marbuta mal-kriminalità organizzata. Il-kriminalità fl-informatika hija l-uniku qasam tal-kriminalità msemmi fl-Artikolu 83 TFUE li mhuwiex elenkat fil-kategoriji ta' reati speċifikati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u l-Konvenzjoni ta' Varsavja. L-impatt finanzjarju taċ-ċiberkriminalità u d-daqs tar-rikavat relatat huma diffiċli li jiġu kkwantifikati, fin-nuqqas ta' dejta u riċerka affidabbli, iżda każijiet juru li r-rikavat miċ-ċiberkriminalità jinħasel permezz ta' skemi sofistikati, li jinvolvu metodi ta' ħlas kemm tradizzjonali kif ukoll ġodda[27]. Biex ixxejjen l-inċentiv finanzjarju li huwa l-mutur ta' ħafna attivitajiet ċiberkriminali, din id-dispożizzjoni tikkwalifika ċ-ċiberkriminalità, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2013/40/UE[28], bħala reat predikat għall-ħasil tal-flus.

Artikolu 3: Reati ta' ħasil tal-flus. – Din id-dispożizzjoni tiddefinixxi liema reati għandhom jiġu kkunsidrati bħala reati ta' ħasil tal-flus fl-Istati Membri.

Din id-dispożizzjoni timplimenta l-Artikolu 9(1) tal-Konvenzjoni ta' Varsavja billi tiddefinixxi l-elementi materjali ta' dak li jikkostitwixxi ħasil tal-flus, jiġifieri l-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà dderivata minn attività kriminali għall-fini ta' ħabi jew travestiment tal-oriġini illeċita tagħha (il-punt (a) tal-paragrafu 1), u l-ħabi jew it-travestiment tan-natura, is-sors, il-lokalità, id-dispożizzjoni, il-moviment, jew is-sidien veri tal-proprjetà jew tad-drittijiet veri fir-rigward tagħha (il-punt (b) tal-paragrafu 1).

Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tmur lil hinn mir-Rakkomandazzjoni tal-FATF u l-Konvenzjoni ta' Varsavja billi tagħmel obbligatorja l-kriminalizzazzjoni tal-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà li tkun ġiet minn attività kriminali, li fil-Konvenzjoni ta' Varsavja hi possibbiltà soġġetta għall-prinċipji kostituzzjonali u l-kunċetti bażiċi tal-ordinament ġuridiku ta' kull pajjiż. Is-sempliċi pussess ta' rikavat minn attività kriminali mhuwiex meqjus bħala ħasil tal-flus fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri[29]. Din il-proposta tirrispetta t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri billi tippermetti l-esklużjoni tal-awtoriċiklaġġ f'dak li jirrigwarda dan it-tip ta' ħasil tal-flus (ara aktar 'l isfel dwar il-paragrafu 3 tal-Artikolu 3).

It-tliet tipi ta' ħasil tal-flus (il-konverżjoni jew it-trasferiment, il-ħabi jew it-travestiment, il-pussess jew l-użu) għandhom jiġu kriminalizzati meta jitwettqu volontarjament f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Varsavja. Ma ġie introdott ebda element ta' negliġenza. L-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Varsavja jħalli fid-diskrezzjoni tal-partijiet biex jikkriminalizzaw każijiet

[27] Ir-Rapport ta' Riċerka ta' Moneyval, Flussi ta' flus kriminali fuq l-Internet: metodi, xejriet u azzjoni ta' tixjin min-naħa ta' diversi partijiet interessati (*Criminal money flows on the Internet: methods, trends and multi-stakeholder counteraction*), Marzu 2012.

[28] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

[29] Unger, B (a.o.), Rapport finali tal-proġett ECOLEF, The economic and legal effectiveness of Anti-Money Laundering and Combatting Terrorist Financing policy", Frar 2013, p.16.

fejn il-persuna li tkun wettqet ir-reat "(a) tkun issuspettat li l-proprjetà kienet rikavat; u (b) x'aktarx assumiet li l-proprjetà kienet rikavat." Fl-Istati Membri jeżistu approċċi diverġenti lejn il-ħasil tal-flus negliġenti, li jirriflettu d-differenzi fit-tradizzjonijiet legali nazzjonali f'dak li jirrigwarda l-element soġġettiv meħtieġ għar-reat, iżda dawn id-diverġenzi ma ġewx identifikati bħala problema sostanzjali għall-kooperazzjoni transfruntiera. Peress li din id-Direttiva tistabbilixxi biss regoli minimi, l-Istati Membri mhumiex ipprojbiti li jikkriminalizzaw il-ħasil tal-flus negliġenti.

Barra minn hekk, il-paragrafu 2 ta' din id-dispożizzjoni jagħmilha irrilevanti, biex ir-reati tal-ħasil tal-flus kif deskritti hawn fuq ikunu punibbli, jekk ikunx hemm kundanna preċedenti jew simultanja għall-attività kriminali sottostanti jew jekk jistax jiġi stabbilit fid-dettall min hija l-persuna li wettqet ir-reat kriminali li ġġenera l-proprjetà jew ċirkostanzi oħra ta' dik l-attività kriminali. Billi tagħmel dan, din id-dispożizzjoni timplimenta l-paragrafi 5 u 6 tal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja billi tiżgura li l-ħasil tal-flus jiġi kkriminalizzat anki meta ma jkunx hemm kundanna preċedenti jew simultanja għar-reat predikat u mingħajr ma neċessarjament jiġi stabbilit preċiżament minn liema reat oriġinat il-proprjetà.

Il-Eurojust u partijiet interessati oħra indikaw li r-rekwiżit għall-istabbiliment preċiż tar-reat predikat huwa ostaklu importanti li jista' jagħmel il-ġlieda transfruntiera kontra l-ħasil tal-flus partikolarment diffiċli. Skont il-Europol, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi huma rikjesti jagħtu prova tar-reat predikat. L-irbit ta' fondi suspettużi ma' reat predikat speċifiku hija rrappurtata mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi bħala l-aktar problema sinifikanti meta jiġi investigat il-ħasil tal-flus: f'każ multiġurisdizzjonali appoġġat mill-Europol, il-pajjiż li fih twettaq ir-reat predikat naqas milli jwieġeb għal talbiet ta' assistenza legali reċiproka. Il-pajjiżi kollha involuti f'dan il-każ enfasizzaw li l-ostaklu ewlieni kien l-irbit tal-fondi ma' reat predikat.

Anki fi Stati Membri fejn kundanna ta' ħasil tal-flus tista' tinkiseb billi sempliċement jiġi ppruvat li l-flus ma setgħux ġew minn sors legali, normalment jiġu rikjesti indikaturi ta' kriminalità biex tinkiseb kundanna jew konfiska. Għaldaqstant, l-approċċ meħud f'din id-dispożizzjoni huwa konsistenti mar-rekwiżit tal-Konvenzjoni ta' Varsavja kif ukoll mal-prattiki nazzjonali.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni ta' Varsavja tistipula li ma għandhiex tkun problema li tittieħed azzjoni legali għal ħasil tal-flus anki jekk l-attività kriminali li ġġenerat il-fondi twettqet f'pajjiż ieħor. Il-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' din il-proposta jistabbilixxi li huwa irrilevanti jekk l-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà twettqitx f'territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz, filwaqt li jħalli fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri l-applikazzjoni tal-kriterju tal-kriminalità doppja, jiġifieri li jenħtieġ li r-reat predikat ikun kriminali fil-pajjiż fejn twettaq u li jkun ukoll kriminali fl-Istat Membru fejn issir il-prosekuzzjoni tar-reat tal-ħasil tal-flus, kieku r-reat predikat twettaq hemm.

Finalment, din id-dispożizzjoni tirrikjedi lill-Istati Membri jikkriminalizzaw l-awtoriċiklaġġ. Il-Eurojust jindika li l-fatt li l-"awtoriċiklaġġ" mhuwiex ikkriminalizzat fil-ġurisdizzjonijiet kollha jista' jikkawża diffikultajiet għal xi Stati Membri biex jistabbilixxu reat prosekutabbli u biex jinvestigaw u jintraċċaw il-fluss ta' "flus sewda". Il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jikkjarifika li l-obbligu ta' kriminalizzazzjoni tal-awtoriċiklaġġ huwa limitat għall-konverżjoni jew trasferiment u ħabi jew travestiment u mhuwiex applikat għal sempliċi pussess jew użu. Dan l-approċċ jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prosekuzzjoni ta' persuna għas-sempliċi "tgawdija personali" tar-rikavat mir-reat tagħha li għalih diġà ġiet iġġudikata, f'xi Stati Membri, huwa kkunsidrat li jikser il-prinċipju ta' *ne bis in idem*, jiġifieri li persuna ma tistax

tiġi ġġudikata darbtejn għall-istess imġiba kriminali[30]. Min-naħa l-oħra, meta l-attività ta' ħasil ta' flus tinvolvi l-konverżjoni u t-trasferiment kif ukoll il-ħabi u t-travestiment permezz tas-sistema finanzjarja, dawk l-attivitajiet huma b'mod ċar att kriminali addizzjonali li jista' jingħaraf mir-reat predikat, u li barra minn hekk jikkawża ħsara addizzjonali jew tip differenti ta' ħsara min dik diġà kkawżata mir-reat predikat. Dan l-approċċ huwa konformi mal-każistika tal-Istati Membri[31].

Artikolu 4: Inċitament, għajnuna u kompliċità, u tentattiv. – Din hija dispożizzjoni applikabbli għar-reati msemmija hawn fuq, li titlob lill-Istati Membri jikkriminalizzaw forom ta' għajnuna u kompliċità, inċitazzjoni u tentattiv b'rabta ma' ħafna mir-reati msemmija.

L-għajnuna u l-kompliċità f'reat ta' ħasil tal-flus jista' jinkludi varjetà sħiħa ta' attivitajiet li jvarjaw mill-faċilitazzjoni jew konsulenza sal-għoti ta' servizzi ta' appoġġ għat-twettiq ta' dawn l-atti.

Din id-dispożizzjoni tiżgura allinjament mad-definizzjonijiet fl-istandards internazzjonali msemmija hawn fuq.

Barra minn hekk, biex jiġi żgurat deterrent effettiv, huwa neċessarju li jiġi kkriminalizzat l-inċitament, billi l-att li tħajjar oħrajn iwettqu r-reati msemmija hawn fuq ikun punibbli.

Artikolu 5: Pieni għal persuni fiżiċi. — Din id-dispożizzjoni hija applikabbli għar-reati kollha u tirrikjedi li l-Istati Membri japplikaw pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Barra minn hekk, id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-livell minimu tas-sanzjoni massima. Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI diġà tistabbilixxi livell minimu għal piena massima ta' erba' snin għal xi tipi ta' ħasil tal-flus. Din il-proposta tistabbilixxi l-livell minimu tal-piena massima wkoll għal erba' snin ta' priġunerija, għall-inqas għall-każijiet serji. Id-definizzjoni tal-livell minimu tqis ukoll ir-regoli eżistenti fl-Istati Membri.

L-issettjar ta' livell minimu tal-piena massima fil-livell tal-UE jiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali tal-pulizija u dik ġudizzjarja u jtejjeb l-effett deterrent. Analiżijiet differenti enfasizzaw il-livell baxx ta' sanzjonijiet/multi u r-rati ta' prosekuzzjoni baxxi[32]. Filwaqt li dan jista' jkun dovut għal numru ta' raġunijiet, inkluż l-aċċess, il-kapaċità jew ir-riżorsi limitati tal-awtoritajiet kompetenti biex jaċċessaw u janalizzaw l-informazzjoni rilevanti f'każijiet partikolarment kumplessi, definizzjoni stretta tar-reat ta' ħasil tal-flus, livell baxx ta' sanzjonijiet u ostakli fl-evidenza għandhom jitqiesu li jikkontribwixxu għal din il-problema. Minbarra nuqqasijiet fl-infurzar, din is-sitwazzjoni toħloq riskju ta' għażla opportunistika tal-ġurisdizzjoni min-naħa tal-persuni li jwettqu r-reat, jiġifieri l-kriminali jwettqu t-tranżazzjonijiet finanzjarji fejn jaħsbu li l-miżuri kontra l-ħasil tal-flus huma l-aktar dgħajfa.

Artikolu 6: Ċirkostanzi aggravanti. – Din hija dispożizzjoni applikabbli għal reati ta' ħasil tal-flus kif iddefiniti fl-Artikolu 3 biex tiżgura li meta jitwettaq reat fi ħdan organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI[33] jew meta l-persuna li tkun wettqet ir-reat tkun abbużat mill-pożizzjoni professjonali tagħha biex tippermetti li jsir ħasil tal-flus, dan jitqies bħala ċirkostanza aggravanti.

Artikolu 7: Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi. – Din hija dispożizzjoni applikabbli għar-reati kollha msemmija hawn fuq, li tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw ir-responsabbiltà tal-

30 Il-FATF u r-rapporti ta' evalwazzjoni reċiproka tal-Moneyval u r-riżultati tal-proċess ta' konsultazzjoni mal-Istati Membri.

31 *idem*

32 Il-FATF u r-Rapporti ta' Evalwazzjoni Reċiproka tal-Moneyval.

33 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42)

persuni ġuridiċi, filwaqt li jiġi eskluż li tali responsabbiltà hija alternattiva għal dik tal-persuni fiżiċi. Din id-dispożizzjoni hija konformi mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ta' Varsavja.

Din id-dispożizzjoni ssegwi formula standard li tinsab fi strumenti legali oħra tal-UE, u li tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati msemmija fl-Artikoli minn 1 sa 4 mwettqa għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna b'ċerta pożizzjoni ewlenija, fil-persuna ġuridika. Mhuwiex meħtieġ li din ir-responsabbiltà tkun esklussivament kriminali.

Artikolu 8: Sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi. – Din id-dispożizzjoni hija applikabbli għal sanzjonijiet għal persuni ġuridiċi. Hija ssegwi formula standard li tinsab fi strumenti legali oħra tal-UE.

Artikolu 9: Ġurisdizzjoni. – Din id-dispożizzjoni, li tapplika għar-reati kollha msemmija hawn fuq, teħtieġ li jkun hemm bażi ta' kompetenza għall-awtoritajiet ġudizzjarji li tippermettilhom jibdew investigazzjoni, imexxu prosekuzzjonijiet u jtellgħu l-qorti r-reati definiti f'din id-Direttiva.

Artikolu 10: Għodod investigattivi. – Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li tiżgura li l-għodda investigattivi pprovduti fil-liġi nazzjonali għal każijiet ta' kriminalità organizzata jew reati serji oħra jkunu jistgħu jintużaw ukoll f'każijiet ta' ħasil tal-flus.

Artikolu 11: Sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI – Din id-dispożizzjoni tissostitwixxi d-dispożizzjonijiet attwali fil-qasam tal-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus inklużi fil-punt (b) tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI b'rabta mal-Istati Membri li qed jipparteċipaw f'din id-Direttiva.

Id-dispożizzjonijiet relatati mal-konfiska inklużi fil-punt (a) tal-Artikolu 1 u l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI ġew sostitwiti bid-Direttiva 2014/42/UE.

2016/0414 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 83(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-ħasil tal-flus u l-finanzjament relatat mat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata għadhom problemi sinifikanti fil-livell tal-Unjoni, li jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju u jheddu s-sigurtà interna u s-suq intern tal-Unjoni. Biex tittratta dawk il-problemi u ssaħħaħ ukoll l-applikazzjoni tad-Direttiva 2015/849/UE[1], din id-Direttiva għandha l-għan li tittratta l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali, filwaqt li tippermetti kooperazzjoni transfruntiera aħjar bejn l-awtoritajiet kompetenti.

(2) Miżuri adottati biss fil-livell nazzjonali jew anki fil-livell tal-Unjoni, mingħajr ma jieħdu kont tal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali, ikollhom effetti limitati ħafna. Għalhekk, jinħtieġ li l-miżuri adottati mill-Unjoni biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus ikunu kompatibbli ma' azzjonijiet oħra mwettqa f'fora internazzjonali u għandhom ikunu mill-inqas strinġenti daqshom.

(3) Jinħtieġ li l-azzjoni tal-Unjoni tkompli tieħu kont partikolari tar-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), u ta' strumenti ta' korpi internazzjonali oħra attivi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-atti legali rilevanti tal-Unjoni għandhom jiġu ulterjorment allinjati, jekk meħtieġ, mal-Istandards Internazzjonali dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu u l-Proliferazzjoni (International Standards on Combating Money Laundering and the Financing of Terrorism and Proliferation) adottati mill-FATF fi Frar 2012 (ir-"Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF"). Bħala firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ħasil tal-flus, it-tiftix, il-qabda u l-konfiska ta' profitti minn attività kriminali u l-iffinanzjar tat-terroriżmu, (is-CETS Nru 198), jinħtieġ li l-Unjoni tittrasponi r-rekwiżiti ta' din il-Konvenzjoni fl-ordinament ġuridiku tagħha.

[1] Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

(4) Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI[2] tistabbilixxi rekwiżiti dwar il-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus. Madankollu, dik id-Deċiżjoni Kwadru mhijiex komprensiva biżżejjed, u l-inkriminazzjoni attwali tal-ħasil tal-flus mhijiex koerenti biżżejjed biex effettivament tiġġieled il-ħasil tal-flus fl-Unjoni kollha, u b'hekk dan iwassal għal nuqqasijiet fl-infurzar u ostakli fil-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri differenti.

(5) Jinħtieġ li d-definizzjoni ta' attivitajiet kriminali li jikkostitwixxu reati predikati għall-ħasil tal-flus tkun uniformi biżżejjed fl-Istati Membri kollha. Jinħtieġ li l-Istati Membri jinkludu firxa ta' reati f'kull waħda mill-kategoriji speċifikati mill-FATF. Jekk il-kategoriji ta' reati, bħat-terroriżmu jew ir-reati ambjentali, huma stabbiliti fil-liġi tal-Unjoni, din id-Direttiva tirreferi għal tali leġiżlazzjoni. Dan jiżgura li l-ħasil tar-rikavat mill-finanzjament tat-terroriżmu u t-traffikar ta' organiżmi selvaġġi jkun punibbli fl-Istati Membri. F'każijiet fejn il-liġi tal-Unjoni tippermetti lill-Istati Membri jipprovdu għal sanzjonijiet oħra li mhumiex sanzjonijiet kriminali, jinħtieġ li din id-Direttiva ma tirrekjedix lill-Istati Membri jistabbilixxu dawk il-każijiet bħala reati predikati għall-fini ta' din id-Direttiva.

(6) Jinħtieġ li reati fiskali relatati ma' taxxi diretti u indiretti jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' attività kriminali, f'konformità mar-Rakkomandazzjonijiet riveduti tal-FATF. Peress li f'kull Stat Membru reati fiskali differenti jistgħu jikkostitwixxu attività kriminali punibbli bis-sanzjonijiet imsemmija f'din id-Direttiva, id-definizzjonijiet ta' reati fiskali jistgħu jkunu diverġenti fil-liġi nazzjonali. Madankollu mhi mfittxija ebda armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet ta' reati fiskali fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri.

(7) Jinħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għall-ħasil tal-flus fir-rigward ta’ proprjetà derivata minn reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; dan huwa soġġett għal regoli speċifiċi kif stabbilit fid-Direttiva 2017/XX/UE[3] Skont l-Artikolu 325(2) TFUE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-istess miżuri biex jiġġieldu kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni li jieħdu biex jiġġieldu kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tagħhom stess.

(8) Jekk l-attività ta' ħasil tal-flus ma tammontax biss għas-sempliċi pussess jew użu, iżda tinvolvi wkoll it-trasferiment jew il-ħabi u t-travestiment ta' proprjetà permezz tas-sistema finanzjarja u tirriżulta fi ħsara ulterjuri minn dik diġà kkawżata mir-reat predikat, bħal ħsara għall-integrità tas-sistema finanzjarja, jinħtieġ li dik l-attività tiġi punita separatament. Jinħtieġ għalhekk li l-Istati Membri jiżguraw li tali mġiba tkun punibbli wkoll meta mwettqa mill-persuna li tkun wettqet l-attività kriminali li ġġenerat dik il-proprjetà (l-hekk imsejjaħ awtoriċiklaġġ).

(9) Sabiex il-ħasil tal-flus ikun għodda effettiva kontra l-kriminalità organizzata, jinħtieġ li ma jkunx neċessarju li jiġu identifikati d-dettalji speċifiċi tar-reat li ġġeneraw il-proprjetà, u inqas u inqas ma għandha tiġi rikjesta kundanna preċedenti jew simultanja għal dak ir-reat. Jinħtieġ ukoll li l-prosekuzzjonijiet għall-ħasil tal-flus ma jiġux imxekkla mis-sempliċi fatt li r-reat predikat twettaq fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz, sakemm dan ikun reat kriminali f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz. L-Istati

[2] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001).

[3] Id-Direttiva 2017/XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' x x 2017 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU x L, xx.xx.2017, p. x).

Membri jistgħu jistabbilixxu bħala prerekwiżit il-fatt li r-reat predikat kien ikun reat fil-liġi nazzjonali tiegħu kieku twettaq hemm.

(10) Din id-Direttiva għandha l-għan li tikkriminalizza l-ħasil tal-flus meta jitwettaq intenzjonalment. L-intenzjoni u l-konoxxenza jistgħu jiġu dedotti minn ċirkostanzi fattwali u oġġettivi. Peress li din id-Direttiva tipprovdi għal regoli minimi, l-Istati Membri huma liberi li jadottaw jew iżommu regoli tal-liġi kriminali aktar stretti dwar il-ħasil tal-flus. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jistipulaw li l-ħasil tal-flus imwettaq bi traskuraġni jew negliġenza serja jikkostitwixxi reat kriminali.

(11) Biex jiskoraġġixxu l-ħasil tal-flus fl-Unjoni kollha, jinħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu tipi u livelli minimi ta' pieni meta jitwettqu r-reati kriminali ddefiniti f'din id-Direttiva. Jekk ir-reat jitwettaq f'organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI[4]8 jew jekk il-persuna li tkun wettqet ir-reat tkun abbużat mill-pożizzjoni professjonali tagħha biex tippermetti l-ħasil tal-flus, jinħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu għal ċirkostanzi aggravanti skont ir-regoli applikabbli stabbiliti mill-ordinament ġuridiku tagħhom.

(12) Minħabba l-mobilità tal-persuni li jwettqu r-reat u tar-rikavat minn attivitajiet kriminali, u minħabba l-investigazzjonijiet transfruntiera kumplessi meħtieġa biex jiġġieldu l-ħasil tal-flus, jinħtieġ li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tagħhom biex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jinvestigaw u jmexxu prosekuzzjoni għal tali attivitajiet. Għaldaqstant, jinħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-ġurisdizzjoni tagħhom tinkludi sitwazzjonijiet meta reat jitwettaq permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni mit-territorju tagħhom, kemm jekk ibbażat fit-territorju tagħhom kif ukoll jekk le.

(13) Jinħtieġ li din id-Direttiva tissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI[5] għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva.

(14) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, li tissoġġetta l-ħasil tal-flus fl-Istati Membri kollha għal pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi, ma jistax jintlaħaq b'suċċess mill-Istati Membri iżda jista', permezz tal-iskala u l-effetti ta' din id-Direttiva, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjajetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-objettiv.

(14) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(15) U/ JEW

(16) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 21) dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

---

4 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42)

5 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/500/ĠAI tas-26 ta' Ġunju 2001 dwar il-ħasil tal-flus, l-identifikazzjoni, l-intraċċar, l-iffriżar, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi u l-qligħ mill-kriminalità (ĠU L 182, 5.7.2001).

u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta’ dak il-Protokoll, ir-Renju Unit u l-Irlanda mhumiex qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Direttiva u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.]

(17) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex se tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Direttiva u għalhekk mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha. Id-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI[6] għandha tkompli torbot u tkun applikabbli għad-Danimarka,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1
Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabblixxi r-regoli minimi li jikkonċernaw id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-ħasil tal-flus.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-ħasil tal-flus fir-rigward ta’ proprjetà derivata minn reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; dan huwa soġġett għal regoli speċifiċi kif stabbilit fid-Direttiva 2017/XX/UE

Artikolu 2
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “attività kriminali” tfisser kull tip ta' involviment kriminali fit-twettiq tar-reati li ġejjin:

(a) il-parteċipazzjoni fi grupp ta' kriminalità organizzata u rikattar organizzat, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI;

(b) it-terroriżmu, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2017/XX/UE[7];

(c) it-traffikar ta' persuni u l-faċilitazzjoni tad-dħul klandestin ta' migranti, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2011/36/UE[8] u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI[9];

(d) l-isfruttament sesswali, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2011/93/UE[10];

---

6 *idem*

7 Id-Direttiva 2017/XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' X X 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU x L, xx.xx.2017, p. x).

8 Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.04.2011, p. 1).

9 Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2002 dwar it-tisħiħ tal-qafas penali li jipprevjeni l-iffaċilitar ta' dħul, transitu u residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, 5.12.2002, p. 1).

10 Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU 335 L, 17.12.2011, p. 1).

(e) it-traffikar illeċitu ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[11];

(f) it-traffikar illeċitu ta' armi;

(g) it-traffikar illeċitu ta' oġġetti misruqa u oġġetti oħra;

(h) il-korruzzjoni, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea[12] u fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI[13];

(i) Il-frodi, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/413/UE[14];

(j) l-iffalsifikar tal-munita, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2014/62/UE[15];

(k) il-falsifikazzjoni u l-piraterija ta' prodotti;

(l) ir-reati ambjentali, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2008/99/KE[16] jew fid-Direttiva 2009/123/KE[17];

(m) il-qtil, l-offiżi gravi fuq il-persuna;

(n) il-ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi;

(o) is-serq;

(p) il-kuntrabandu (inkluż b'rabta mad-dazji u t-taxxi doganali u tas-sisa);

(q) l-estorsjoni;

(r) il-falsifikazzjoni ta' dokumenti;

(s) il-piraterija;

(t) l-abbuż minn informazzjoni privileġġata u l-manipulazzjoni tas-suq, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2014/57/UE[18];

---

11 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi (ĠU 335 L, 11.11.2004, p. 8).

12 Il-Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

13 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2003/568/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat (ĠU L 192, 31.7.2004, p. 54).

14 Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2001 li tiġġieled frodi u ffalsifikar ta' mezzi ta' ħlas bi flus mhux kontanti (ĠU L 149, 2.6.2001, p. 1).

15 Id-Direttiva 2014/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-protezzjoni tal-euro u muniti oħra kontra l-iffalsifikar permezz tal-liġi kriminali, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2000/383/ĠAI (ĠU L 151, 21.5.2014. p.1)

16 Id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 28).

17 Id-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva 2005/35/KE dwar it-tniġġis ikkawżat minn vapuri u l-introduzzjoni ta' penali għal ksur (ĠU L 280, 27.10.2009, p. 52).

18 Id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 179).

(u) iċ-ċiberkriminalità, inkluż kwalunkwe wieħed mir-reati stabbiliti fid-Direttiva 2013/40/UE[19];

(v) ir-reati kollha, inklużi reati fiskali, relatati ma' taxxi diretti u taxxi indiretti kif definiti fil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri, li huma punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena jew, fir-rigward ta' Stati Membri li għandhom livell limitu minimu għal reati fis-sistema legali tagħhom, ir-reati kollha punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' aktar minn sitt xhur;

(2) "proprjetà" tfisser assi ta' kwalunkwe tip, kemm korporali kif ukoll inkorporali, mobbli jew immobbli, tanġibbli jew intanġibbli, u dokumenti jew strumenti legali fi kwalunkwe forma inkluż dik elettronika jew diġitali, li tixhed it-titolu ta' tali assi jew interess fihom;

(3) "persuna ġuridika" tfisser kull entità li jkollha personalità ġuridika skont il-liġi applikabbli, barra minn Stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju tal-awtorità Statali u għal organizzazzjonijiet internazzjonali pubbliċi.

Artikolu 3
Reati ta' ħasil tal-flus

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-imġiba li ġejja tkun reat kriminali punibbli, meta mwettqa intenzjonalment:

(a) il-konverżjoni jew it-trasferiment ta' proprjetà, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività, għall-fini ta' ħabi jew travestiment tal-oriġini illeċita tal-proprjetà jew sabiex tingħata għajnuna lil kwalunkwe persuna li tkun involuta fit-twettiq ta' tali attività sabiex tevadi l-konsegwenzi legali tal-azzjoni ta' dik il-persuna;

(b) il-ħabi jew it-travestiment tan-natura, is-sors, il-lokalità, id-dispożizzjoni, il-moviment, jew is-sidien veri tal-proprjetà jew tad-drittijiet veri fir-rigward tagħha, bil-konoxxenza li tali proprjetà ġejja minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività;

(c) l-akkwist, il-pussess jew l-użu ta' proprjetà, bil-konoxxenza, fiż-żmien tar-riċezzjoni tagħha, li tali proprjetà ġiet minn attività kriminali jew minn kompliċità f'tali attività.

2. Biex reat imsemmi fil-paragrafu 1 ikun punibbli, ma għandux ikun neċessarju li jiġi stabbilit dan li ġej:

(a) kundanna preċedenti jew simultanja għall-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà;

(b) l-identità ta' min wettaq l-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà jew ċirkostanzi oħra relatati ma' dik l-attività kriminali;

(c) jekk l-attività kriminali li ġġenerat il-proprjetà twettqitx fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jew f'dak ta' pajjiż terz, meta l-imġiba rilevanti tkun reat kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru jew il-pajjiż terz fejn

[19] Id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/222/ĠAI (ĠU L 218, 14.8.2013, p. 8).

twettqet l-imġiba u tkun reat kriminali skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li jimplimenta jew japplika dan l-Artikolu kieku twettqet hemmhekk;

3. Ir-reati msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll għall-persuni li wettqu jew ipparteċipaw fl-attività kriminali li minnha ġiet il-proprjetà.

Artikolu 4
Inċitament, għajnuna u kompliċità, u tentattiv

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-inċitament, l-għajnuna u l-kompliċità u t-tentattiv ta' reat kif imsemmija fl-Artikolu 3 jkunu punibbli.

Artikolu 5
Pieni għall-persuni fiżiċi

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-imġiba msemmija fl-Artikoli 3 u 4 tkun punibbli permezz ta’ pieni kriminali effettivi, proporzjonali u dissważivi.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-reati msemmija fl-Artikolu 3 jkunu punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas erba’ snin, għall-inqas f’każijiet serji.

Artikolu 6

Ċirkostanzi aggravanti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċirkostanzi li ġejjin jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti, b'rabta mar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta:

(a) ir-reat ikun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali fit-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru 2008/841[20]; jew

(b) il-persuna li wettqet ir-reat ikollha relazzjoni kuntrattwali ma' entità marbuta u responsabbiltà lejha, jew tkun entità marbuta skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2015/849/UE u wettqet ir-reat fl-eżerċizzju tal-attivitajiet professjonali tagħha.

Artikolu 7
Responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli għal kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 li jkun twettaq għall-benefiċċju ta' dawk il-persuni ġuridiċi minn kwalunkwe persuna, li taġixxi waħedha jew bħala parti minn korp tal-persuna ġuridika, u li jkollha pożizzjoni ta’ tmexxija fil-persuna ġuridika, abbażi ta':

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

(b) l-awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

(c) l-awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jistgħu jinżammu responsabbli meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll, minn persuna msemmija

[20] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42).

fil-paragrafu 1, tkun għamlet possibbli t-twettiq ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 u 2 ma għandhiex teskludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jinċitaw it-twettiq ta' xi wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, jew iwettquhom huma jew ikunu kompliċi fih.

Artikolu 8
Sanzjonijiet għall-persuni ġuridiċi

Kull Stat Membru għandu jiżgura li persuna ġuridika li tkun instabet responsabbli għal reati skont l-Artikolu 6 tkun punibbli permezz ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali u mhux kriminali, bħal:

(1) l-esklużjoni ta' dik il-persuna ġuridika mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew l-għajnuna pubblika;

(2) l-iskwalifika temporanja jew permanenti ta' dik il-persuna ġuridika mill-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali;

(3) it-tqegħid ta' dik il-persuna ġuridika taħt is-sorveljanza tal-qorti;

(4) l-istralċ ġudizzjarju;

(5) l-għeluq temporanju jew permanenti ta' stabbilimenti li ntużaw biex isir ir-reat.

Artikolu 9
Ġurisdizzjoni

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq l-offiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 fejn:

(a) ir-reat jitwettaq fis-sħiħ jew parti minnu fit-territorju tiegħu;

(b) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tiegħu.

2. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta jiddeċiedi li jistabbilixxi ġurisdizzjoni ulterjuri fuq l-offiżi msemmija fl-Artikoli 3 u 4 mwettqa barra mit-territorju tiegħu meta:

(a) It-trasgressur ikun resident abitwali fit-territorju tiegħu;

(b) ir-reat ikun sar għall-benefiċċju ta’ persuna ġuridika stabbilita fit-territorju.

Artikolu 10
Għodod investigattivi

Kull Stat Membru għandu jiżgura li għodod investigattivi effettivi, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati gravi jkunu disponibbli għal persuni, unitajiet jew servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar- reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.

Artikolu 11
Sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI

1. Din id-Direttiva tissostitwixxi l-punt (b) tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI fir-rigward tal-Istati Membri marbuta b’din id-Direttiva,

mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta’ dawk l-Istati Membri fir-rigward tad-data għat-traspożizzjoni ta’ dik id-Deċiżjoni Kwadru fil-liġi nazzjonali.

2. Għall-Istati Membri marbuta b'din id-Direttiva, ir-referenzi għad-Deċiżjoni Kwadru 2001/500/ĠAI għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva.

Artikolu 12
Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [24 xahar wara l-adozzjoni]. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta’ dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 13
Rappurtar

Il-Kummissjoni, sa [24 xahar wara l-iskadenza tal-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta sa fejn l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva.

Artikolu 14
Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 15
Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President